# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' Settembru 2002**

**Avviz. numru 398/02**

**Numru 24**

**Louis Pisani fil-kwalita' tieghu ta' Principal ghan-nom u in rappresentanza ta' San Anton School**

**vs**

**Kevin u Sharon konjugi Ellul Bonici**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur fil-kwalita tieghu premessa ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' Lm2,370 (elfejn tlett mija u sebghin lira Maltin) oltre l-imghax legali rapprezentanti servizzi edukattivi rezi f'San Anton School ghal uliedhom minuri Stevey, Jamie u Jack ahwa Ellul Bonici u dan ghas-snin skolastici 2001 – 2002.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju 2002 u mandat tas-sekwestru numru 1318/2002. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fil-11 ta' Settembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur fil-kwalita tieghu premessa s-somma ta' Lm2,370.00,0 bl-imghax legali mit-23 ta' Mejju 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju 2002 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1318/2002.

Anthony Zammit
Deputat Registratur